# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 25 ta' Novembru 2016**

**Numru: 12**

**Rikors Numru: 25/10 AE**

**Paul Licari**

**v.**

**Malta Industrial Parks Limited (C 28965)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat li l-attur ippreżenta fit-12 ta' Jannar, 2010, u li jaqra hekk:

> "1. Illi l-esponent hu proprjetarju tal-effetti kif indikati fl-annessa ittra Dok A;
>
> "2. Illi l-effetti indikati fl-imsemmija ittra kienu fil-fond li kien mikri lilu u cioe` 192A, Zona Industrijali, Luqa;
>
> "3. Illi inqalghet vertenza bejn l-esponent u s-socjeta` Malta Development Corporation li s-successuri taghha hija s-socjeta' konvenuta b'mod li gew inizzjati procdeuri fl-ismijiet *Malta Development Corporation vs Paul Licari Cit Nru. 489/2008 RCP*

liema kawza hi ormai deciza u l-attur hallas dok kollu dovut skond l-imsemmija sentenza;

"4. Illi minhabba il-litigazzjoni imsemmija l-MDC kienu ottjenew il-hrug ta' mandat ta' qbid fil-konfront ta' l-attur permezz ta' liema gew elevati l-effetti kif indikati fl-anness prospett anness u mmarkat Dok A;

"5. Illi wara li giet konkluza l-kawza fl-ismijiet indikati, l-esponenti interpella lis-socjeta' konvenuta sabiex tirritorna l-effetti indikati izda inutilment;

"Ghaldaqstant l-esponent jitlob reverentement lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

"1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta tirritorna l-effetti indikati fil-prospett imsemmi u jew occorendo li s-socjeta` konvenuta tonqos milli taghmel dan minnha ordnat fit-terminu prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti, thallas is-somma ekwivalenti l-valur ta' l-istess effetti u dana occorendo jekk ikun hemm il-htiega bl-opera ta' Periti Nominandi;"

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta` konvenuta li in forza tagħha eċċepiet illi:

"1. Preliminarjament, in-nullita tar-rikors guramentat stante li dan ma giex precedut minn att gudizzjarju skond il-provvedimenti ta' l-Art. 460 tal-Kap. 12, rez applikabbli fil-konfront tas-socjeta esponenti bis-sahha tal-Art. 2 tal-Kap. 169;

"2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, in-nullita tar-rikors guramentat peress li mhuwiex car x'azzjoni qieghed jipproponi l-attur fil-konfront tas-socjeta konvenuta;

"3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet attrici huma infondati stante li kuntrarjament ghal dak li qed jippremetti l-attur, ma gew elevati l-ebda oggetti mill-poter tal-attur in virtu ta' mandat ta' qbid;

"4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, kemm-il darba t-talbiet attrici jirreferu ghat-twettiq ta' ghemil amministrattiv, l-azzjoni attrici hi preskritta *ai termini* tal-Art. 469A(3) tal-Kap. 12;

"5. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur ghandu jipprova li huwa proprjetarju tal-oggetti elenkati fil-lista;

“6. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan kif se jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

“7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

“In sostenn ta’ dawn l-eccezzjonijiet, jigi dikjarat dan li gej:

“1. Illi s-socjeta esponenti llum tagixxi minflok il-Korporazzjoni ghal Zvilupp ta’ Malta (MDC);

“2. Illi l-attur kien jokkupa fond fil-Qasam Industrijali ta’ Hal Luqa u peress li kien hemm diversi mankanzi da parti tieghu, kienet ittiehdet azzjoni ghar-ripreza tal-fond kif ukoll saret kawza ghall-kanonizazzjoni ta’ kumpens ghall-okkupazzjoni;

“3. Illi in kawtela tal-pretensjonijiet taghha l-MDC kienet ottjeniet l-ispedizzjoni ta’ mandati kawtelatorji, inkluz Mandat ta’ Qbid numru 891/98 (Dok. A). Madankollu ma gie elevat xejn mill-poter tal-attur;

“4. Illi l-kawza li kienet saret dwar il-kumpens ghall-okkupazzjoni llum giet deciza u mhemm xejn pendenti dwarha. Inoltre, l-MDC kienet irriprendiet il-pussess tal-fond f’Lulju 1998.”

Rat is-sentenza li tat il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta’ Settembru, 2012, li in forza tagħha laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta` konvenuta u illiberat lill-istess konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju; spejjeż a karigu tal-attur;

Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

1. L-attur ghamel din il-kawza sabiex jinghata lura mobbli li ddikjara li huma proprjeta tieghu u li kienu fil-fond 192A, Zona Industrijali, Luqa, u ma baqghux hemm wara li gie zgumbrat mill-fond in segwitu ghall-hrug ta’ ordni ta’ zgumbrament mahrug skond il-provvedimenti tal-Att dwar Zgumbrament minn Artijiet (Kap. 169). Fin-nuqqas qieghed jitlob li l-konvenuta tigi kundannata thallas somma ekwivalenti ghall-valur taghhom. Fil-qosor dawn huma l-fatti:-

"i. Il-konvenut kien inghata b'kera fond permezz ta' skrittura ffirmata fit-18 ta' Marzu 1981. Il-kirja kienet b'effett mill-1 ta' Settembru 1980. Skond xhieda li nghatat f'kawza ohra minn Ray Von Brockdorff[1], il-kirja kienet tiskadi fil-31 ta' Awwissu 1990.

"ii. Fil-25 ta' Frar 1998, il-Malta Development Corporation harget ordni ta' zgumbrament kontra l-attur[2].
i. L-izgumbrament kien gie ezegwit fid-9 ta' Lulju 1998.

"iv. Il-Korporazzjoni ghamlet kawza kontra Paul Licari[3] sabiex ihallas kumpens ghall-perjodu li dan jokkupa l-fond wara t-terminazzjoni tal-kirja. B'sentenza li nghatat fl-24 ta' Frar 2009 il-qorti kkundannat lill-konvenut ihallas is-somma ta' €5,696.85.
"v. L-attur isostni li fil-fond in kwistjoni kien hemm il-mobbli li jissemmew fil-lista Dok. A annessa mar-rikors guramentata, u jrid li dawn jinghataw lura lilu.

"vi. Fil-gurnata meta giet ezegwita l-ordni ta' zgumbrament kienu marru fil-fond Ronald Galea u Herbert Caruana, inginiera li kienu jahdmu mal-Korporazzjoni. Dawn ghamlu inventarju ta' dak li sabu fil-post u ddikjaraw li meta marru fil-post sabu l-fond miftuh[4]. Ziedu li kien hemm xi oggetti li ttiehdu minn impjegati ta' Harrison & Co Ltd u kien hemm oggetti ohra li ttiehdu minn impjegati tal-Public Works[5]. Ma jirrizultax fejn spiccaw dawn l-affarijiet. Wara li nghalaq il-gbir tal-provi l-attur ipprezenta lista tal-mobbli oggett tal-kawza fejn iddikjara wkoll il-valur taghhom. B'kollox hemm 45 oggett b'valur komplessiv ta' €41,956.98.

"vii. Il-konvenuta hi s-successur tal-Korporazjoni ghal Zvilupp ta' Malta[6].

"2. Permezz tal-ewwel eccezzjoni l-konvenuti qalet li r-rikors promotur hu null ghaliex l-attur naqas milli jsegwi dak li jipprovdi l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 qabel ipprezenta l-kawza[7]. M'huwiex kontestat

[1] Manager li kien impjegat mal-Korporazzjoni ghal Izvilupp ta' Malta.
[2] Fol. 19.
[3] Malta Development Corporation vs Paul Licari (489/98).
[4] Ara dikjarazzjoni HC1 datata 13 ta' Lulju 1998 a fol. 84.
[5] Mad-dikjarazzjoni HC1 hemm lista ta' dawn l-oggetti li jikkonsistu: electric oven, mixert (electric) approx 100 litre, electric oven, Tape Rolling Machind (Bad condition, Parts Missing), Fibreglass Tank (Approx 250 litre) on Hollow Section Frame (fol. 85).
[6] F'dan il-kuntest ara sentenza li nghatat fid-29 ta' Settembru 2011 fil-kawza **Malta Industrial Parks Limited vs Grazia Auto Care Company Limited** (Rikors numru 919/2009), Imhallef J. Zammit Mckeon.
[7] *"(1) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, ebda att gudizzjarju li bih j inbdew xi procedimenti ma jista' jigi pprezentat, u ebda procedimenti ma jistghu jittiehdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista' jigi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubbblika fil-kwalità ufficjali taghha, hlief wara li jghaddu ghaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorità jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra ufficjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tigi mfissra b'mod car."*. Kif osserva l-attur, fil-kawza

li l-proprjeta fejn kienu jinsabu l-mobbli li qieghed jippretendi l-attur permezz ta' dawn il-proceduri, kienet taqa' taht ir-responsabbilta' tal-Korporazzjoni. Hu evidenti li kien ghalhekk li l-attur harrek lil Malta Industrial Parks Limited. Fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2012 id-difensur tal-attur iddikjarat li ser tivverfika jekk l-attur kienx ipprezenta att gudizzjarju qabel ipprezenta l-kawza. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur[8] jinghad: *"Issa fil-kaz in esami jirrizulta li l-attur ma intavola l-ebda ittra ufficjali jew protest gudizzjarju qabel ma intavola il-proceduri odjerni. Izda jikkontendi li dan ma kienx bi zvista da parte tieghu stante li hu jinsab f'litigju ma' entita privata u mhux entita li tinkwadra fl-artikolu citat."*[9]. Ghamel ukoll riferenza ghal sentenza li nghatat fit-12 ta' Ottubru 2009 fil-kawza **C.E.B. Metals Limited vs Malta Industrial Parks Limited** fejn il-qorti qalet li l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 ma japplikax ghaliex il-konvenuta *".......mhuwiex il-Gvern u lanqas m'hija awtorita' mwaqqfa mill-Kostituzzjoni. Huwa ear għall-Qorti illi peress li dan il-provvediment jirregola l-proeedura li għandha tippreeedi kawza kontra l-Gvern jew Awtorita' pubblika kif spjegat l-istess provvediment għandu jigi nterpretat b'mod restrittiv."*[10].

"Il-qorti hi tal-fehma li wasal iz-zmien li dan il-provvediment jigi rivedut ghallinqas fejn jirreferi ghall-prezentata ta' kawza, in kwantu jaf iwassal ghal spejjez u hela ta' zmien bla bzonn jekk tintlaqa' l-eccezzjoni. Jistghu jinstabu mezzi ohra fejn l-ghan tal-provvediment[11] jigi salvagwardjat minghajr ma jkollok provvediment b'konsegwenza tant iebsa.

"Jirrizulta li Malta Industrial Parks Limited hi kumpannija registrata fit-28 ta' Novembru 2001 fir-Registru tal-Kumpanniji. L-azzjonisti taghha huma, sehem wiehed Malta Investment Management Company Limited u 9,999 il-Ministeru tal-Finanzi[12]. Ghalhekk m'hemmx dubju li ghalkemm kumpannija privata, hi tal-Gvern.

"Skond l-Artikolu 2 tal-Ordninanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Kap. 169), id-drittijiet u responsabbiltajiet dwar proprjeta tal-Gvern jew amministrata minnu, ghaddiet ghand il-Kumissarju tal-Artijiet. B'dan li fir-rigward ta' certu proprjeta r-responsabbilta kienet inghatat lill-Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta.

"Skond l-Avviz Legali 360 tal-2004[13] b'effett mill-15 ta' Lulju 2004:-

---

**Domenico Savio Spiteri vs Onor. Prim'Ministru et** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar 2004, gie kkonfermat li n-nuqqas ta' osservanza tal-Artikolu 460 tal-Kap. 12 taghti lok ghan-nullita.

[8] Prezentata fit-22 ta' Marzu 2012.

[9] Fol. 109.

[10] Prim'Awla tal-Qorti Civili, Imhallef J. Azzopardi.

[11] Fis-sentenza **Salvatore Ellis et vs Kontrollur tad-Dwana** deciza mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-10 ta' April 2003, gie spjegat x'inhu l-ghan tal-ligi.

[12] Fol. 52.

[13] Regolamenti ta' l-2004 dwar in-Nomina ta' Awtorità Kompetenti (Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet).

*"Malta Industrial Parks Limited (C 28965) hija msemmija bhala l-awtorità kompetenti ghall-finijiet ta' l-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet.".*

"Hu evidenti li din il-kumpannija hadet post il-Korporazzjoni. Il-Gvern jista' jopera wkoll permezz ta' agenzija, korporazzjoni u kumpanniji privati registrati taht l-Att dwar il-Kumpanniji.

"Skond l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, li jipprovdi ghal stharrig ta' eghmil amministrattiv:-

*"awtorità pubblika" tfisser il-Gvern ta' Malta, maghdudin il-Ministeri u dipartimenti tieghu, awtoritajiet lokali u kull korp maghqud kostitwit permezz ta' ligi."*.

"Kif osservat il-konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet, f'sentenza li nghatat fid-29 ta' Settembru 2009 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[14] qalet li Malta Industrial Parks Limited hi awtorita pubblika skond id-definizzjoni tal-Artikolu 469A tal-Kap.12. Imbaghad fis-sentenza **V.G. Tiles Company Limited vs Malta Industrial Parks Limited**[15] deciza fit-13 ta' Mejju 2010 gie ddikjarat li l-Artikolu 460 japplika ghall-konvenuta wara li l-qorti adottat dak li kien inghad fis-sentenza Euro Chemie Products Limited vs Malta Industrial Parks Limited.

"Fl-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Kap. 169) jinghad li:-

*"id-disposizzjonijiet tal-artikolu 181, tas-Subtitolu VI u VII tat-Titolu VIII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb, l-artikolu 590(2), l-artikolu 627, l-artikolu 637 u l-artikolu 873 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili ghandhom japplikaw, **għar-rigward ta' dawk l-artijiet**, għall-Korporazzjoni għal Zvilupp ta' Malta u għaċ-Chairman tal-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta, skont il-każ."*

"Fost il-provvedimenti li jissemmew f'dan il-proviso, hemm l-Artikolu 460 tal-Kap. 12, li qieghed f'Titolu VIII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb. L-azzjoni tal-atturi hi in segwitu ghall-ordni ta' zgumbrament li kien gie ezegwit mill-Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta taht il-Kap. 169 tal-Ligijiet ta' Malta. Meta tnehhew l-oggetti mill-fond in kwistjoni, Malta Industrial Parks Limited ma kenitx tezisti. Ghalkemm il-konvenuta ma hargitx l-ordni ta' zgumbrament u ma kenitx il-persuna li ezegwitu, u ma jirrizultax li qatt kellha l-mobbli fil-pussess taghha, tibqa' l-legittimu kontradittur gialadarba qeghda tirraprezenta l-Gvern, li ghaddielha r-responsabbiltajiet li qabel kienu tal-Koporazzjoni[16], u fil-fatt hi tal-

[14] **Euro Chemie Products Limited vs Malta Industrial Parks Limited et**, Imhallef J.R. Micallef.

[15] **V.G. Tiles Co. Limited vs Malta Industrial Parks Limited**, Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef L. Farrugia Sacco).

[16] Responsabbiltajiet taht l-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Kap. 169), l-Att dwar Zgumbrament minn Artijiet (Kap. 228) u l-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gven (Kap. 268):

> Gvern. Kieku ma kienx hekk it-talba tal-attrici zgur li ma setatx tigi ndirizzata fil-konfront taghha. Wiehed ghalhekk ma jifhimx kif il-fatt li hi kumpannija privata jista' jbiddel id-decizjoni li tinghata fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni. Fil-fehma tal-qorti ma jkunx hemm konsistenza li wiehed ighid li kieku gie mharrek il-Kummissarju tal-Artijiet jew il-Korporazzjoni japplika l-Artikolu 460 tal-Kap. 12, imma ghaliex Malta Industrial Parks Limited hi kumpannija privata tal-Gvern il-provvediment ma japplikax.
>
> "Hu car li fil-qadi tad-dmirijiet taghha Malta Industrial Parks Limited qeghda taqdi funzjonijiet pubblici[17], in kwantu xogholha hu li tamministra z-zoni industrijali proprjeta tal-Gvern. F'dawn ic-cirkostanzi l-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn din il-kumpannija ma tikkwalifikax ukoll bhala awtorita pubblika, iktar u iktar meta tqies li hi tal-Gvern. Dan irrispettivament mill-fatt li fl-istatut tal-kumpannija jinghad li hi "*private limited company*".
>
> "Mequsja dawn il-fatturi kollha l-qorti hi tal-fehma li l-konvenuta ghandha dritt li tinvoka l-Artikolu 460 tal-Kap. 12."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnu premessi, talab li s-sentenza tal-ewwel Qorti tiġi revokata, u li t-talbiet tiegħu jiġu milqugħa;

Rat ir-risposta tas-soċjeta` konvenuta li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnha premessi, tissottometti li l-appell għandu jiġi miċħud, fil-waqt li s-sentenza appellata tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż;

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

---

[17] F'dan il-kuntest ara sentenza tal-Prim'Awla (Imhallef J.R. Micallef) li nghatat fl-24 ta' Novembru 2010 fil-kawza **Gopinath Venugopal Jeyakrishna Moorthy et vs Chairman Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig**, fejn gie ddikjarat li l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 kien japplika ghall-konvenuta. F'din l-istess sentenza saret ukoll riferenza ghall-kawza **Michael Spiteri et vs Chairman Awtorita tal-Ippjanar et** deciza fit-2 ta' Ottubru 1996 mill-Prim'Awla (Imhallef A. Magri).

Ikkonsidrat:

L-attur qed jagħmel din il-kawża biex ifittex li jieħu lura oġġetti mobbli li kellu ġewwa fabbrika fiż-żona industrijali ta' Ħal-Luqa, u li kien kostrett iħalli warajħ wara li ngħata ordni ta' żgumbrament. Bħala eċċezzjoni preliminari, is-soċjeta` konvenuta eċċepiet in-nullita` tar-rikors ġuramentat peress illi dan ma ġiex preċedut minn att ġudizzjarju skont il-provvedimenti tal-Artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta). L-ewwel Qorti aċċettat din l-eċċezzjoni u illiberat lis-soċjeta` konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju.

L-attur appella mis-sentenza u jisttometti illi s-soċjeta` konvenuta la hi "gvern" u lanqas ma hi "awtorita` mwaqqfa bil-Kostituzzjoni" għall-fini tal-Artikolu 460 imsemmi.

Qabel ma jiġi trattat dan il-punt, din il-Qorti jeħtiġilha tiddisponi minn aggravju mressaq mis-soċjeta` appellata dwar il-validita` tar-rikors tal-appell, peress li tgħid li ma hix redatta konformament mal-liġi. Din il-Qorti tirrileva li, fil-waqt li tapprezza li r-rikors tal-appell seta' ġie redatt aħjar, fil-fatt jikkontjeni dak li trid il-liġi. L-attur qed jilmenta mill-uniku deċiżjoni li tat il-Qorti u ressaq ir-raġunijiet tiegħu għala s-sentenza trid

tinbidel. Dan hu biżżejjed biex l-appellat ikun jista' jidderiġi ruħu, kif fil-fatt għamel f'dan il-każ.

Dan l-aggravju qiegħed, għalhekk, jiġi miċħud.

Fir-rigward tal-punt innifsu dwar jekk l-Artikolu 460 imsemmi japplikax għas-soċjeta` konvenuta, din il-Qorti tibda biex tosserva li dan l-artikolu, kif inghad diversi drabi mill-qrati, huwa "*privileġġ proċedurali*" mogħti lill-gvern, u bħala tali jrid jingħata interpretazzjoni stretta. Illum, jista' jingħad, li dan il-privileġġ joħloq stat ta' anakroniżmu fil-kuntest tal-ħtieġa li l-partijiet kollha jridu jitpoġġew f'sitwazzjoni identika taħt il-liġi, u allura ma għandux jingħata applikazzjoni aktar wiesa milli jiddisponi.

Is-soċjeta` konvenuta hija entita` independenti mill-membri li jikkomponuha, u għalkemm hija kumpanija tal-gvern, ma hijiex il-gvern. Fil-fatt, fost l-iskopijiet ta' din is-soċjeta` hemm li tagħti pariri lill-gvern dwar politika għall-użu tal-art għal skopijiet industrijali, u li tidħol "*into any agency, concession, joint venture or other agreement*" mal-gvern. Kumpanija mwaqqfa biex tidħol fi ftehim mal-gvern, ma tistax hi wkoll tkun il-gvern. La ma hijiex gvern u lanqas awtorita` imwaqqfa bil-Kostituzzjoni, ma jistax jingħad li l-Artikolu 460 imsemmi japplika għaliha.

Is-soċjeta` appellata tirreferi għal diversi sentenzi (fosthom il-kawża **Is-soċjeta` Euro Chemie Products Ltd. v. Malta Industrial Parks Ltd**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Settembru 2009) li jgħidu li s-soċjeta` konvenuta taqa' taħt it-tifsira ta' "awtorita` pubblika" kif maħsuba fl-Artikolu 469A (2) tal-Kap. 12 imsemmi. Dawn is-sentenzi, pero`, ma jgħinux lis-soċjeta` konvenuta għax jirrferu għall-istitut partikolari li jikkontjeni tifsira pjuttost wiesgħa ta' x'inhi awtorita` pubblika. Id-definizzjoni fil-fatt, tkopri l-gvern, u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi. Fil-każ tal-Artikolu 460, ma hemmx klawsola ta' interpretazzjoni, u kif rajna is-soċjeta` konvenuta ma hix il-gvern.

Jingħad ukoll, illi skont l-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Kap. 169 tal-Liġijiet ta' Malta), dan l-Artikolu 460, fost diversi artikoli oħra, japplika għall-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta – li, pero`, ma hijiex parti konvenuta f'din il-kawża. Issa, l-istess Artikolu 2 ta' din l-Ordinanza jawtorizza lill-Ministru Responsabbli jordna li l-jeddijiet u r-responsabbilitajiet eżerċitati mill-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta, ivestu f'awtorita` jew persuna oħra nominata, u fil-fatt, skont avviz Legali 360 tal-2004, il-Ministru responsabbli iddikjara li s-soċjeta` konvenuta hija l-awtorita` kompetenti għall-fini tal-Artikolu 2 tal-Ordinanza imsemmija. La l-Ministru responsabbli u lanqas il-liġi, pero`, ma jistendu l-applikazzjoni tal-Artikolu 460 invokat għal fuq din is-soċjeta` konvenuta. Is-soċjeta` konvenuta ġiet indikata bħala l-awtorita`

kompetenti "minflok" il-korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta, u għalkemm għandha l-jeddijiet u r-responsabbilitajiet li għandha l-korporazzjoni, dawn jirreferu għall-poteri sostantivi tal-Korporazzjoni, u mhux għal "privilegg proċedurali", li ma għandux jingħata lil ebda awtorita` li ma hijiex espressament munita bih. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **C.E.B. Metals Ltd. v. Malta Industrial Parks Ltd** deċiża fit-12 ta' Ottubru 2009, dan l-artikolu għandu jiġi interpretat "*b'mod restrittiv*", u kwindi m'għandux jiġi estiż għal dawk l-entitajiet mhux koperti bl-istess provvediment.

Is-soċjeta` konvenuta, hu veru, qegħdha taqdi funzjonijiet pubbliċi, in kwantu xogħolha hu li tamministra ż-żoni industrijali proprjeta` tal-gvern, u tista' wkoll tikkwalifika bħala "awtorita` pubblika" għall-fini tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jibqa' l-fatt, pero`, li l-Artikolu 460 ma jużax il-frażi "awtorita` pubblika" u ma jirrizultax li l-applikazzjoni ta' dan il-privileġġ ġie estiż espressament għas-soċjeta` konvenuta.

Kwindi, l-aggravju prinċipali qed jiġi milqugħ u qed jiġi dikjarat li l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 ma japplikax għas-soċjeta` konvenuta.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-attur billi tilqa' l-istess, tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti tat-18

ta' Settembru, 2012, u tiċħad l-ewwel eċċeżżjoni preliminari tas-soċjeta` konvenuta.

Tibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti biex din tkompli tisma' l-każ kif propost.

L-Ispejjeż kollha marbuta ma' dan l-inċident, inkluż in prim istanza, jitħallsu mis-soċjeta` konvenuta.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef | Joseph Azzopardi<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df